**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 30 ta' Mejju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 8/2018 AF**

**Nazzareno u Pauline konjugi Xuereb**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturi Nazzareno u Pauline konjugi Xuereb, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' rikors guramentat tal-atturi tal-10 ta' Settembru 2007 intavolat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali) fl-ismijiet "Nazzareno u Pauline konjugi Xuereb vs Angelo Cauchi" Rik. Gur. 92/2007 l-esponenti wara li ppremettew:

"Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji ta' bicca raba msejha bhala "Ta' Nawrata", li tinsab fil-limiti tal-Gharb ta' cirka hamest elef sitt mija u wiehed u tletin metru kwadru (5631 m.k.) jew kejl verjuri u konfinanti mill-punent ma' beni ta' John Portelli u Yucar Vella, lvant ma' beni tal-intimat Angelo Cauchi, parti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Debrincat, liema raba qed tigi hawn delinjata bil-kulur ahmar fuq site-plan tal-MEPA, liema site-plan qed tigi annessa u mmarkata bhala "Dokument A";

Illi ricentament, l-intimat bil-hsieb li jezercita xi dritt li huwa ghandu fuq din ir-raba hawn fuq imsemmija u deskritta, ikkometta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti u dana billi klandestinament u kontra l-volontà tal-istess rikorrenti ghalaq u mblokka permezz ta' kantuni il-moghdija li minnha r-rikorrenti kienu jghaddu ghal din il-bicca ghalqa taghhom msejga "Ta' Nawrata" hawn fuq deskritta, li qeghda fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex u b'tali mod u manjiera li ghalaq dan l-access ghal din l-ghalqa taghhom.

Illi l-istess intimat ghalkemm gie nterpellat anki ufficjalment sabiex jispurga dana l-ispoll vjolenti minnu kommess, dana baqa' inadempjenti."

Talbu lill-konvenut Angelo Cauchi jghid ghaliex m'ghandhiex dik il-Qorti:

"1. Tikkundanna illi l-intimat ikkometta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront taghhom meta huwa ricentament qabad u klandestinament, minghajr il-kunsens tal-atturi, u bi vjolenza qabad u dahal fil-porzjon raba hawn fuq imsemmija msejjha "Ta' Nawrata" ghalaq u mblokka permezz ta' kantuni il-moghdija li minnha r-rikorrenti kienu jghaddu ghal din il-bicca ghalqa taghhom msejha hawn fuq deskritta, li qieghda fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex u b'tali mod u manjiera li ghalaq dan l-access ghal din l-ghalqa taghhom.

2. Tikkundanna lill-istess intimat sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti

jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerga' jpoggi kollox fl-istat prestinu tieghu u dana ghas-spejjez tal-istess intimat u, okkorrendo, taht id-direzzjoni ta' perit li jigi nominati ghal istess fini;

3. F'kaz li mhuwiex possibbli r-reintegrazzjoni kompleta tal-ispoll kommess mill-intimat, li l-istess intimat jigi kkundannat li jhallas somma flus in linea ta' hsarat li soffrew ir-rikorrenti minhabba l-ispoll vjolenti kommess mill-istess intimat, liema somma tigi ghalhekk likwidata, okkorrendo, permezz ta' perit li jigi ghalhekk nominat ghal istess fini; "Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-erbgha (4) ta' Settembru 2007 fl-istess ismijiet u bl-ingunzjoni tal-istess intimat ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek."

Permezz ta' sentenza tat-2 ta' Ottubru 2013 dik l-Onorabbli Qorti ghogobha tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Permezz ta' rikors tal-appell tat-18 ta' Ottubru 2013 l-esponenti appellaw mis-sentenza precitata u talbu lill-Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex tirrevoka s-sentenza msemmija, u dan billi takkolji t-talbiet kollha taghhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut Angelo Cauchi appellat.

Permezz ta' sentenza tat-18 ta' Lulju 2014 il-Qorti tal-Appell ghal motivi hemm espressi ddecidiet illi l-aggravju tal-atturi huwa fondat u ghalhekk laqghet l-appell billi rrevokat s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, u:

1. Laqghet l-ewwel talba limitatament in kwantu iddikjarat li l-konvenut Angelo Cauchi ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi meta huwa, minghajr il-kunsens tal-atturi, ghalaq u mblokka permezz ta' kantuni l-moghdija li minnha huma kienu jghaddu ghall-ghalqa taghhom "Ta' Nawrata" li qeghda fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex, b'tali mod u manjiera li ghalqilhom l-access ghal din l-ghalqa taghhom;

2. Laqghet it-tieni talba u kkundannat lill-konvenut Angelo Cauchi sabiex fi zmien gimghatejn mid-data tas-sentenza jispura l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerga' jpoggi kollox fl-istat prestinu tieghu u dana a spejjez tieghu, taht id-direzzjoni tal-perit AIC Stephen Mangion;

3. Cahdet it-tielet talba fejn intalab li jekk ir-reintegrazzjoni kompleta tal-ispoll kommess mill-konvenut Angelo Cauchi mhux possibbli, huwa jigi kkundannat ihallas somma flus in linea ta' hsarat, u dan in vista tal-fatt li ma tressqux provi f'dan is-sens.

   L-ispejjez taz-zewg istanzi gew ordnati jithallsu kwantu ghal sehem minn sitta (1/6) mill-atturi appellanti solidalment bejniethom u hames ishma minn sitta (5/6) mill-konvenut Angelo Cauchi.

Fl-14 ta' Novembru 2014 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali issoktat bis-smiegh tar-rikors ai fini ta' ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell u sal-gurnata tal-lum gew appuntati sbatax (17)-il seduta.

Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2018 il-konvenut Angelo Cauchi suindikat talab sabiex jappella minn digriet li huwa inappellabbli ghas-soprasessjoni u nonostante l-inappellibilità tal-istess digriet it-talba giet milqugha u konsegwentement gie intavolat appell minn dak id-digriet. Tali appell sejjer ikompli jiddelunga l-proceduri gudizzjarji bi pregudizzju ghar-rimedju spettanti lill-esponenti.

Minkejja illi fis-sentenza taghha, l-Qorti tal-Appell ikkundannat lill-konvenut f'dik il-kawza sabiex fi zmien gimghatejn mid-data tas-sentenza jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerga' jpoggi kollox fl-istat prestinu tieghu, sal-gurnata tal-lum dan is-spoll ghadu ma giex spurgat u dan minkejja li ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Huwa evidenti li l-Qorti tal-Magistrati precitata ma urietx "special diligence" fit-tmexxija tal-proceduri u dan hekk kif

rikjest mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (ara "Leteiller vs France" u "Yagoi and Sargin vs Turkey").

Id-dewmien bla bzonn huwa kontra l-funzjoni tal-amministrazzjoni tal-gustizzja ghaliex dewmien bla bzonn jirrizulta f'"denegata iustizia" u bhalma jinghad bl-ingliz: justice delayed is justice denied.

Dan id-dewmien fl-ezekuzzjoni tas-sentenza jikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragjonevoli kif sancit bl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà kif sancit bl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-proceduri ghal infruzar tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet "Nazzareno u Pauline konjugi Xuereb vs Angelo Cauchi" bin-numru ta' referenza 92/2007/1 jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq sancit mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem ghax huma ezempju ta' gustizzja li damet ma saret li hija ekwivalenti ghal gustizzja li qatt ma saret;

2. Tiddikjara illi l-proceduri ghal infurzar tal-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet "Nazzareno u Pauline konjugi Xuereb vs Angelo Cauchi" bin-numru ta' referenza 92/2007/1 jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà kif sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem ghax huwa gie pprivat mit-tgawdija pacifika tal-possediment tieghu; u

3. Tipprovdi rimedju inkluz hlas ta' kumpens xieraq.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li garrbu lezjoni tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Nazzareno Xuereb et vs Angelo Cauchi et" numru 92/2007.

L-esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Essenzjalment ir-rikorrenti qeghdin jitfghu l-htija kollha ghal dan l-allegat dewmien fuq il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) ghaliex il-Qorti laqghet talba ta' Angelo Cauchi sabiex jappella minn digriet ghal soprasessjoni u li dan qed jikkawza dewmien irragjonevoli.

Huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessità tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorità jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorità gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-Qorti semplicement ghaliex laqghet talba sabiex isir appell minn digriet u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mill-esponent galadarba huwa mhuwiex parti mill-kawza.

Hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-

interessi tal-gudizzju jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi.

Finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessività tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri in dezamina ghalkemm il-kaz qed jiehu numru ta' snin biex jigi deciz ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

Minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

Minghajr pregudizzju ghal fuq espost, dwar l-ilment li jirrigwarda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea l-esponent jinghad minnufih li dawn l-artikoli zgur li mhumiex applikabbli ghal kaz in dizamina u anzi jinghad ukoll li l-esponenti Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal tali allegazzjoni. Dan qed jinghad ghaliex l-ebda Ministeru/dipartiment/entità tal-Gvern ma ha il-pussess u/jew il-kontroll ta' xi proprjetà tar-rikorrenti. Din hija kawza civili bejn il-partijiet dwar spoll u ghalhekk l-esponent ma jistax jifhem kif qed jigi allegat ksur tad-dritt ghal proprjetà meta l-Gvern f'dan il-kaz m'ghandu x'jaqsam xejn.

L-esponent jecepixxi l-improponibilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dana l-artikolu japplika biss f'kaz ta' tehid forzuz tal-proprjetà. Illi sabiex wiehed ikun jista' jitkellem fuq tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi zvestita minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjetà bhal meta jkun hemm ordni ta' esproprijazzjoni permezz ta' akkwist

b'titolu ta' xiri assolut. Il-fatti tal-kaz in dizamina ma jikkwadrax ruhhu f'dan it-tip ta' tehid forzuz. L-istess principji japplikaw ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll id-dritt fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta sanċit permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Nazzareno u Pauline konjuġi Xuereb vs Angelo Cauchi (rikors ġuramentat numru 92/2007), deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2014.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti kienu ntavolaw kawża ta' spoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet Nazzareno u Pauline konjuġi Xuereb vs Angelo Cauchi (rikors ġuramentat numru 92/2007) dakinhar tal-10 ta' Settembru 2007. Permezz ta' sentenza datata 2 ta' Ottubru 2013, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom. Ir-rikorrenti appellaw minn din id-deċiżjoni u permezz ta' sentenza datata 18 ta' Lulju 2014, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet il-kawża billi rrevokat is-sentenza appellata u minflok iddeċidiet hekk:

1. *Tilqa' l-ewwel talba limitatament in kwantu qegħda tiddikjara li l- konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-atturi meta huwa, mingħajr il-kunsens tal-atturi, għalaq u imblokka permezz ta' kantuni il-mogħdija li minnha huma kienu jgħaddu għall-għalqa tagħhom "Ta' Nawrata" li qegħda fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, b'tali mod u manjiera li għalqilhom l-aċċess għal din l-għalqa tagħhom;*

2. *Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien ġimgħatejn mid-data tas-sentenza jispurga l-ispoll vjolenti u klandestin minnu kommess billi jerġa' jpoġġi kollox fl-istat prestinu tiegħu u dana a spejjeż tiegħu, taħt id-direzzjoni tal-perit AIC Stephen Mangion;*

3. *Tiċħad it-tielet talba fejn qed jintalab li jekk ir-reintegrazzjoni kompleta tal-ispoll kommess mill-konvenut mhux possibbli, huwa jiġi kkundannat iħallas somma flus in linea ta' ħsarat, u dan in vista tal-fatt li ma tressqux provi f'dan is-sens.*

Nonostante d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, il-konvenut f'dik il-kawża naqas milli jagħmel dak ordnat minnu mill-Qorti tal-Appell fiż-żmien mogħti lilu u għalhekk, permezz ta' rikors datat 30 ta' Settembru 2014, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri sabiex ai termini tal-artikolu 265 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tagħti dawk id-direttivi opportuni sabiex is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tiġi esegwita.

Il-konvenut Angelo Cauchi wieġeb għar-rikors tal-atturi permezz ta' risposta tas-27 ta' Ottubru 2014. Huwa wieġeb li s-sentenza in kwistjoni hija żbaljata għaliex huwa ma kkommetta l-ebda spoll u li allura ma jafx liema spoll irid jispurga peress li l-imsemmija sentenza ma tgħidx x'għandu jagħmel sabiex jisporga dan l-ispoll li huwa sejjaħlu 'immaġinarju'.

Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Novembru 2014. Dakinhar, il-Qorti ordnat lill-perit tekniku

nominat mill-Qorti tal-Appell sabiex jiffissa aċċess fi żmien xahar ħalli jiġi stabbilit kif għandu jiġi re-integrat l-ispoll skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Permezz ta' rikors tal-11 ta' Diċembru 2014, il-perit tekniku maħtur mill-Qorti tal-Appell stqarr illi minħabba pressjoni ta' xogħol ma setax jaqdi l-inkarigu. Il-Qorti għalhekk ħatret lill-Perit Alex Bigeni bl-istess inkarigu permezz ta' digriet tas-16 ta' Diċembru 2014.

Fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2015, ġie vverbalizzat li '*Il-perit tekniku għandu jiffissa aċċess bi ftehim mal-legali tal-partijiet biex tiġi esegwita s-sentenza.*' Jirriżulta li dan l-aċċess sar fis-7 ta' Jannar 2016. Fl-udjenza tat-8 ta' Jannar 2016, il-perit tekniku ddikjara li kien għad jonqos li jindika fuq il-post ix-xogħlijiet meħtieġa. Il-Qorti ordnat li dawn ix-xogħlijiet għandhom jitlestew sa mhux aktar tard mid-differiment li jmiss.

B'ordni tal-Qorti, fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2016, ġie ffissat aċċess ieħor għat-8 ta' Ġunju 2016. Fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2017, deher il-perit tekniku li ddikjara li ser jagħmel marka bl-ispray fuq il-ħajt in kwistjoni u minn dik il-marka 'l fuq irid jinqala l-ġebel li hemm.

Minkejja dan kollu, sal-20 ta' Marzu 2017 kien għadu ma sar xejn, u għalhekk, ir-rikorrenti b'rikors ta' dakinhar talbu lill-Qorti '*sabiex bla dilungar zejjed tgħaddi biex takkorda bl-adezjoni tagħha l-esekuzzjoni tal-precitata sentenza, okkorrendo billi x-xogħlijiet tar-reintegranda jsiru mill-esponenti a spejjez tal-intimat*'. Fi kliem ieħor, sabiex tordna t-twettiq tas-sentenza mingħajr dewmien zejjed, jekk ikun meħtieg billi x-xogħlijiet meħtiega biex jitqiegħed kollox kif kien qabel l-ispoll isiru mill-atturi bi flus il-konvenut.

Wara li wiegeb il-konvenut fl-10 ta' April 2017, il-Qorti, b'digriet tat-18 ta' April 2017 iddecidiet illi '*tirriserva li tipprovdi fl-udjenza li jmiss*'. Qabel ma seta' jingħata dan il-provvediment, izda, il-konvenut b'rikors tat-28 ta' April 2017, wara li osserva illi ma għandhiex tkun il-Qorti tal-ewwel grad li

tinterpreta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2014, talab illi l-Qorti:

> "*tastjeni minn li tkompli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors u tagħti direttivi lil dawk il-partijiet interessati sabiex jirregolaw ruħhom skont il-ligi*."

Wara li wiegbu r-rikorrenti fil-15 ta' Mejju 2018, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017, il-Qorti ddecidiet illi:

> "*tordna lill-perit tekniku nominat sabiex tigi esegwita s-sentenza tal-appell sabiex jirrelata kif għandha tigi esegwita l-istess sentenza fid-dawl tas-sitwazzjoni prezenti ...*"

Fil-15 ta' Jannar 2018, il-perit irrelata hekk:

> "*L-esponent zar is-sit iktar kmieni u jidher illi ma sar l-ebda intervent jew xogħol skond id-digriet tal-qorti. L-esponent jixtieq jirrimarka illi parti mill-ħitan iggarrfu, kif inhu muri fir-ritratti AB 1 u AB 2. L-esponent jixtieq jirrimarka illi kien digà għamel xi marki fuq il-ħitan biex jindika liema xogħol kellu jsir.*"

Fit-18 ta' Jannar 2018, imbagħad, il-Qorti tat digriet li jgħid hekk:

> "*Il-qorti b'referenza għar-rikors tal-konvenut tat-28 ta' April 2017, wara li rat ir-risposta relattiva tal-atturi tal-15 ta' Mejju 2017, fejn iccitaw l-art. 265 tal-Kap. 12, in vista ta' dak li jgħid l-istess artikolu tiddikjara illi hija hi li għandha tgħid kif għandha tigi esekwita din is-sentenza.*"

Wara li ngħata fakoltà jagħmel hekk, il-konvenut Angelo Cauchi b'rikors tat-23 ta' Jannar 2018 ressaq appell minn dan id-digriet. Naturalment, sakemm jiġi deċiż l-appell minn dan id-digriet mill-Qorti tal-Appell, quddiem il-Qorti t'Għawdex ma kien qiegħed isir xejn.

Permezz ta' deċiżjoni li ngħatat fid-29 ta' Marzu 2019, u allura fil-mori tal-proċeduri quddiem din il-Qorti, il-Qorti tal-Appell

laqgħet l-eċċezzjoni tal-appellat, illum rikorrent, fis-sens li '*id-dikriet li minnu sar l-appell huwa dikriet li jaqa' taħt l-art. 229(1)(m) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – "dikriet li ma jilqax talba għal waqfien fil-procediment" – u għalhekk ma jistax jigi kontestat "qabel ma tingħata s-sentenza definittiva"*' u għalhekk, bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex '*din tipprocedi minnufih għall-esekuzzjoni tas-sentenza.*'

Il-Qorti tal-Appell osservat ukoll hekk:

> "*Fic-cirkostanzi tal-kaz tallum – fejn dawn il-proceduri qegħdin iwaqqfu l-esekuzzjoni ta' sentenza ta' spoll li ngħatat ftit anqas minn ħames snin ilu, fatt fih innifsu skandaluz – hija aktar urgenti l-ħtiega illi l-kwistjoni tingħalaq bla dewmien u bla ma parti jew oħra titħalla toħloq ostakoli għall-esekuzzjoni ta' sentenza, aktar u aktar f'kaz bħal dak tallum fejn dak li trid is-sentenza huwa car u d-"diffikultà fl-interpretazzjoni" li qiegħed jara l-konvenut hija biss immaginarja.*"

Ir-rikorrenti mhumiex jilmentaw minn xi dewmien sabiex ġiet deċiża l-kawża ta' spoll, iżda li sofrew leżjoni fid-drittijiet fundamentali tagħhom billi qed jiġu mċaħħda mid-dritt pretiż tagħhom għall-eżekuzzjoni ta' sentenza li għaddiet in ġudikat fi żmien raġjonevoli.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, preċiżament fl-aħħar paragrafu, u allura mingħajr ma ressaq eċċezzjoni formali f'dan is-sens, l-intimat jargumenta li l-ġudizzju mhuwiex integru stante li Angelo Cauchi, il-konvenut fil-proċeduri li dwarhom qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti, mhuwiex parti f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti sejra tillimita ruħha billi tgħid biss li ladarba r-rikorrenti qegħdin jilmentaw biss minn dewmien sabiex jiġu konklużi proċeduri, u fl-ebda stadju ma talbu t-tħassir ta' xi deċiżjoni ta' Qorti oħra imma biss kumpens għal-leżjoni tad-drittijiet tagħhom, il-ġudizzju huwa integri kif inhu u ma kienx meħtieġ li l-imsemmi Angelo Cauchi jkun parti fil-proċeduri tal-lum.

**<u>Allegat leżjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

It-tieni sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

Ir-rikorrenti jinvokaw ukoll l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Il-Qorti tħoss illi f'din il-kawża għandha tibda billi tgħid li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li l-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex li tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni ta' sentenzi ta' qrati oħra. Kif spjegat il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali tal-Fgura et, deċiża fit-8 ta' Jannar 2010:

> "*Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-*

*fatti li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*."

L-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet J.E.M. Investments vs Avukat Ġenerali, tat-30 ta' Settembru 2011 qalet:

*"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjetà rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-<u>meritu</u> izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi <u>principji procedurali</u> (indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (**Application 6172/73, X v. U.K**.)."*

Finalment, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et, tad-29 ta' Settembru 2016:

> *"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li huwa stabbilit li bil-kliem 'smigħ xieraq' wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabiliti fil-Konvenzjoni. Għalhekk, is-setgħat ta' din il-Qorti fil-kompetenza li fiha tressqet quddiemha l-kawża tar-rikorrent mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-Qrati ta' kompetenza kriminali li quddiemhom instema' l-każ tar-rikorrent u li taw is-sentenzi li minnhom jilminta. F'dan ir-rigward, xogħol din il-Qorti huwa dak li tara li ma seħħx ksur ta' xi jedd imħares mill-Konvenzjoni, u mhux li tara jekk is-sentenzi tal-qrati l-oħra li dwarhom jilminta r-rikorrent qatgħux sewwa l-mertu li kellhom quddiemhom."*

L-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, il-proċeduri li taw lok għal vertanza għandhom jiġu eżaminati fl-assjem tagħhom u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda mill-proċeduri.

Dwar l-eccezzjoni tal-intempestività, mill-gurisprudenza tal-Qrati tagħna jirrizulta l-principju fis-sens illi għalkemm huwa minnu li l-ħarsien tad-dritt ta' smigħ xieraq għandu jigi evalwat fil-kuntest tal-proceduri kollha, u għalhekk ikun prematur li wieħed jiddeciedi fi stadju bikri tal-process, meta diġà jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqgħod tistenna sakemm jintemm il-kaz kollu jew tistenna li attwalment jigi miksur il-jedd sabiex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le.  Dan għaliex jista' jagħti l-kaz li jkun tard wisq jew li l-persuna tibqa' mingħajr rimedju. Fil-każ tal-lum ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw mid-dewmien sabiex tiġi eżegwita sentenza tal-Qorti tal-Appell li għandhom favur tagħhom.  Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tistenna sakemm eventwalment jiġu konklużi l-proċeduri sabiex tistabbilixxi jekk id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti humiex jiġu leżi minħabba dan id-dewmien.

L-Avukat Ġenerali jeċċepixxi wkoll li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tiegħu ġialadarba lanqas biss huwa parti mill-kawża.  Dan l-argument huwa mingħajr bażi.  Huwa d-dmir tal-iStat, hawnhekk rappreżentat mill-intimat, li jassigura li l-proċess ġudizzjarju jimxi mingħajr dewmien inutili u li tiġi

żgurata sistema ġudizzjarja efficjenti u li tassigura ġustizzja lil kulħadd.

Fil-mertu, l-intimat jeċċepixxi li ma jistax jingħad li kien hemm xi nuqqas lampanti da parti tal-Qorti t'Għawdex sempliċiment għaliex laqgħet it-talba tal-konvenut fil-proċeduri in kwistjoni sabiex jappella minn digriet.

L-Avukat Ġenerali donnu ma fehemx il-qofol tal-ilment tar-rikorrenti. Dan qiegħed jingħad ukoll in vista tal-fatt illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali jagħmel ħafna enfasi fuq il-kawża ta' spoll bejn ir-rikorrenti u Angelo Cauchi. Madanakollu, mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti mhumiex qegħdin jilmentaw minn dewmien sabiex ġiet deċiża dik il-kawża, iżda minħabba d-dewmien sabiex jiġu konklużi l-proċeduri għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Il-Qorti żżid tgħid illi r-rikorrenti mhumiex jilmentaw minn episodju wieħed, kif donnu qiegħed jippretendi l-intimat.

Jonqos għalhekk li jiġi eżaminat il-mertu tal-ilment tar-rikorrenti. In linea ta' prinċipju ġenerali, issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Avukat Generali, deċiża fis-27 ta' Mejju 2016, fejn dik il-Qorti enunċjat:

> *"Din il-Qorti sejra tibda billi tistharreg l-ilment tar-rikorrent dwar dewmien esagerat u irragjonevoli, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji principali ormai ben assodati fil- gurisprudenza patria u dik Ewropea, jigifieri il-komplessita' tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case.'*
>
> *In tema legali ssir referenza ghas-sentenza recenti ta' din il-Qorti datata 1 ta' Frar 2016 fl-ismijiet Anton Camilleri v. Avukat Generali, fejn inghad:*
>
> *Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha*

*tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*

*Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited].*

*".... The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long [see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited]."*

*Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.""*

Fil-każ ta' David Marinelli vs Avukat Generali, tat-3 ta' Lulju 2008, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*"B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif*

*miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:*

*1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*
*2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u*
*3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess."*

Hekk ukoll, fil-każ ta' Zakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali, tal-15 ta' Diċembru 2015, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

*"In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali.*

*Inoltre "l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]."*

*Ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tqis ic-cirkostanzi kollha partikolari ghall-kaz, inkluz il-kumplessita` tal-mertu kif ukoll l-imgieba tal-partijiet.*

*…*

*Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi*

*partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjetà demokratika. Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu. Dan il-principju japplika wkoll ghall-proceduri civili."*

L-awturi Jacobs, White and Ovey[1] huma tal-fehma li:

*"Linked to the principle of access to court is another fundamental aspect of the rule of law, that a final court judgment should be effective."*

Tal-istess fehma huma l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick[2] li jsostnu li:

*"Article 6 also applies to the execution of judgments in civil and criminal cases – in particular the reasonable times guarantee will apply to any delays for which the state is responsible in their execution."*

Imbagħad ikomplu:

*"Under the Hornsby case, the State must also ensure the execution of judgments against third parties who are not state actors, so that, for example, the state must take action to ensure that private persons comply with judgments against them."*

Fl-imsemmi każ ta' Hornsby vs Greece, deċiż mill-Qorti Ewropea fid-19 ta' Marzu 1997, intqal hekk:

*"However, that right (of access to a court) would be illusory if a Contracting State's domestic legal system allowed a final, binding judicial decision to remain inoperative to the detriment of one party. It would be inconceivable that Article 6 para. 1 (art. 6-1) should describe in detail*

---

1 The European Convention on Human Rights (Sitt Edizzjoni) paġna 262

2 Law of the European Convention on Human Rights (Tielet Edizzjoni) paġna 396.

*procedural guarantees afforded to litigants - proceedings that are fair, public and expeditious - without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 (art. 6) as being concerned exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they ratified the Convention (see, mutatis mutandis, the Golder v. the United Kingdom judgment of 21 February 1975, Series A no. 18, pp. 16-18, paras. 34-36). Execution of a judgment given by any court must therefore be regarded as an integral part of the "trial" for the purposes of Article 6 (art. 6); moreover, the Court has already accepted this principle in cases concerning the length of proceedings (see, most recently, the Di Pede v. Italy and Zappia v. Italy judgments of 26 September 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-IV, pp. 1383-1384, paras. 20-24, and pp. 1410-1411, paras. 16-20 respectively).”*

Fil-każ ta’ Qufaj Co. Sh. P.K. vs Albania, tat-18 ta’ Novembru 2004, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

*“It would be inconceivable that Article 6 § 1 should describe in detail procedural guarantees afforded to litigants – proceedings that are fair, public and expeditious – without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 as being concerned exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they ratified the Convention. Execution of a judgment given by any court must therefore be regarded as an integral part of the “trial” for the purposes of Article 6.”*

Mhijiex il-funzjoni ta’ din il-Qorti li tistħarreġ il-korretezza tad-deċiżjoni tal-Qorti t’Għawdex li tahtar perit tekniku sabiex jirrelata dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell jew li tippermetti lill-konvenut f’dawk il-proċeduri jappella mid-digriet tagħha.

Huma biss l-effetti ta' dik id-deċiżjoni li huma fil-mira ta' dawn il-proċeduri.

Applikati l-prinċipji fuq enunċjat għall-kawża li għandha quddiemha llum, u wara li fliet bir-reqqa l-atti tal-proċeduri li minnhom qegħdin jilmentaw ir-rikorrenti, din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mar-rikorrenti li d-dewmien sabiex jiġi deċiż ir-rikors tagħhom tat-30 ta' Settembru 2014 għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell huwa leżiv tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.

Il-Qorti tinnota li kien hemm diversi seduti matul is-snin fejn ma sar assolutament xejn, meta l-Qorti t'Għawdex kellha kull opportunità tissolleċita lill-perit tekniku sabiex jesplita l-inkarigu mingħajr dewmien.

Il-Qorti tithasseb kif minkejja li fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2015 il-Qorti ordnat lill-perit tekniku sabiex jiffissa aċċess, dan l-aċċess sar biss f'Jannar ta' wara. Imbagħad, nonostante li l-Qorti ordnat li sa xahar wara kellhom isiru x-xogħlijiet meħtieġa, minflok, erba' xhur wara l-ordni tal-Qorti, u ċioè fl-udjenza tas-27 ta' Mejju 2016, għal xi raġuni ġie ffissat aċċess ieħor għax-xahar ta' wara. Għal xhur sħaħ reġa ma sar xejn sakemm fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2017 il-perit tekniku ddikjara li ser jimmarka fuq il-post il-ġebel li għandu jitneħħa.

Minkejja dan kollu, il-konvenut xorta waħda baqa' m'għamel xejn u minflok issokta jara kif ser jagħmel sabiex ikompli jtawwal il-proċeduri u jaħrab milli jagħmel ix-xogħol li ordnat il-Qorti tal-Appell. Sal-15 ta' Jannar 2018 kien għadu ma sar xejn u parti mill-ħajt in kwistjoni spiċċa waqa'. Imbagħad, il-konvenut appella mid-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Jannar 2018, u sakemm ġie deċiż l-appell ftit ġimgħat ilu biss, reġgħet għaddiet sena oħra, b'dan illi r-rikorrenti diġa ġew mċaħħda għal kważi ħames snin mid-dritt tagħhom li jaraw li sentenza deċiża finalment tiġi esegwita.

L-ebda Qorti m'għandha tippermetti manuvri malizzjużi jew abbuż mill-proċeduri da parti ta' konvenut. L-għan aħħari tal-konvenut kien ben ovvju sa mill-ewwel risposta li għamel fl-atti tal-proċeduri in eżami meta wera li se jibqa' jinsisti li ma

kkommetta l-ebda spoll u li allegatament ma jafx xi jrid jagħmel sabiex josserva d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

Fil-każ ta' Surmeli vs Germany, tat-8 ta' Ġunju 2006, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> *"…even in legal systems applying the principle that the procedural initiative lies with the parties (Parteimaxime), as the German Code of Civil Procedure does, the parties' attitude does not dispense the courts from ensuring the expeditious trial required by Article 6 § 1 (see Guincho v. Portugal, 10 July 1984, § 32, Series A no. 81; Capuano v. Italy, 25 June 1987, § 25, Series A no. 119; Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157; Duclos v. France, 17 December 1996, § 55, Reports of Judgments and Decisions 1996-VI; Pafitis and Others v. Greece, 26 February 1998, § 93, Reports 1998-I; H.T. v. Germany, no. 38073/97, § 35, 11 October 2001; Berlin v. Luxembourg, no. 44978/98, § 58, 15 July 2003; and McMullen v. Ireland, no. 42297/98, § 38, 29 July 2004). The same applies where the cooperation of an expert is necessary during the proceedings (see Scopelliti v. Italy, 23 November 1993, §§ 23 and 25, Series A no. 278; Martins Moreira v. Portugal, 26 October 1988, § 60, Series A no. 143; and Herbolzheimer, cited above, §§ 45 and 48)."*

Ghalkemm trid tkun il-Qorti li tikkontrolla l-periti ġudizzjarji inkarigati minnha sabiex jesegwixxu l-inkarigu u mhux tippermetti li kważi ħames snin wara li ngħatat deċiżjoni finali f'kawża ta' spoll, din il-Qorti tifhem id-diffikultajiet perenni li jiltaqghu maghhom il-Qrati meta jehtiegu s-servizzi ta' esperti u teknici. Madanakollu l-każ in ezami ma jidhirx li huwa xi wieħed kumpless u ma jirriżultax illi r-rikorrenti jaħtu b'xi mod għad-dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza.

Kien fil-poter u dover tal-Qorti illi tiżgura li tali dewmien ma jiġix permess. Kif spiss saħqu l-qrati tagħna, fl-aħħar mill-aħħar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil ħadd mill-partijiet, inklużi d-difensuri, li jabbużaw mill-proċess ġudizzjarju u fl-istess waqt tiżgura li l-periti ġudizzjarji jaqdu

dmirijiethom fi żmien raġjonevoli mingħajr il-ħtieġa li toqogħod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni.

Propju dwar id-dewmien ikkawżat fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu da parti tal-esperti nominati minn qorti, issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet Wohlmeyer Bau GMBH vs Austria, deċiża fit-8 ta' Lulju 2004, fejn il-Qorti osservat li:

> *"The Court notes in this context that an expert's work in the context of judicial proceedings is supervised by a judge who remains responsible for the preparation and speedy conduct of the proceedings [see, among other authorities, Peryt v. Poland, no. 42042/98, § 57, 2 December 2003]."*

Isegwi għalhekk illi ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Għal dan id-dewmien għandu jwieġeb l-istat kif rappreżentat fil-kawża mill-intimat.

**<u>Allegat leżjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Sa fejn huwa rilevanti għall-każ, l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġivapplikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist -*
>
> *(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*
>
> *(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*

*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta."*

Il-parti rilevanti tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jigi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali."*

Dwar l-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li dawn mhumiex applikabbli għall-każ in eżami u li l-Avukat Ġenerali lanqas biss huwa l-leġittimu kontradittur għaliex l-ebda entità governattiva ma ħadet pussess u/jew kontroll ta' xi proprjetà tar-rikorrenti. Speċifikament dwar l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, jeċċepixxi wkoll li dan lanqas biss huwa applikabbli stante li ma kien hemm l-ebda teħid forzuz jew obbligatorju ta' proprjeta tar-rikorrenti.

Huwa assodat li l-portata tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija aktar ristretta mill-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Filwaqt li dan tal-aħħar jipproteġi t-tgawdija paċifika tal-'possedimenti' ta' dak li jkun, l-istess ma jistax jingħad dwar l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar it-teħid b'mod obbligatorju tal-pussess ta' proprjetà ta' kull xorta li tkun jew il-ksib b'mod obbligatorju ta' interess fi jew dritt fuq proprjetà (dejjem ta' kull xorta li tkun). (Ara f'dan is-sens: Amato Gauci vs Avukat Generali, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2006; Nazzareno Galea et vs Giuseppe Briffa, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru 2001; Lay Lay Co Ltd vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Frar 2011; Josephine Bugeja et vs Avukat Generali, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2009; u Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Ottobru 2011).

Il-Qorti taqbel mal-intimat li fil-kawża tal-lum ma kien hemm l-ebda teħid obbligatorju ta' proprjetà fit-termini tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex ma jistax jingħad li l-proċeduri quddiem il-Qorti t'Għawdex ipprivaw lir-rikorrenti mill-jeddijiet taghom naxxenti mis-sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell. Madanakollu, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali li mhuwiex applikabbli għall-każ lanqas l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, jew li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet tar-rikorrenti sempliċiment għaliex ma kienx hemm xi teħid fiżiku ta' proprjeta da parti tal-istat.

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Francis Saviour Borg vs Kummissarju ta' l-Artijiet, deċiża fis-27 ta' Gunju 2014 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, ġie ċitat is-segwenti bran in materja tal-kunċett ta' proprjeta` a tenur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

> *"... the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide; .... a range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests*."

Kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' *Burdov vs Russia* tas-7 ta' Mejju 2002:

> *"... a "claim" can constitute a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1 if it is sufficiently established to be enforceable (see Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis v. Greece, judgment of 9 December 1994, Series A no. 301-B, p. 84, § 59).""*

Permezz tas-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju 2014, il-Qorti tal-Appell stabbiliet illi l-elementi kollha ta' kawża ta' spoll kienu sodisfatti, inkluż il-pussess tar-rikorrenti tal-mogħdija fejn Angelo Cauchi kkommetta l-ispoll.

L-istat, tramite l-organi tiegħu, għandu l-obbligu li jassigura li sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna jistgħu jiġu enforzati. Id-dewmien fil-proċeduri quddiem il-Qorti t'Għawdex huma leżivi

tad-dritt tar-rikorrenti li jkollhom aċċess għall-eżekuzzjoni b'mod effikaċi u effettiv tas-sentenza tagħhom li hija *res judicata*. Il-mira tal-protezzjoni taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll hija biex tqis l-interferenza tal-istat fit-tgawdija ta' dan id-dritt u biex tiddetermina jekk din l-interferenza hijiex kompatibbli mad-dettami ta' dan l-artikolu u tal-Konvenzjoni in generali u senjatament tissodisfax ir-rekwiżit tal-proporzjonalità inerenti fl-artikoli kollha tal-Konvenzjoni. Fir-rigward, ġie ritenut fil-każ ta' Trimeg Limited vs Malta, deċiż fis-27 ta' Settembru 2011 in materja illi:-

> "*Not only must an interference with the rights of property pursue on the facts as well as in principle a legitimate aim in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized by any measures applied by the State.... The requirement is expressed by the notion of 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's rights. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden" [Hutten Czapyuska v Poland – para.166 – 19 Gunju 2006].*"

Din l-interferenza mhijiex waħda ġustifikata u l-Qorti hija għalhekk sodisfatta li hemm interferenza inġustifikata fil-pussess paċifiku tad-drittijiet tar-rikorrenti bi ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għaliex sal-ġurnata tal-lum ir-rikorrenti għad ma jistgħux jesegwixxu s-sentenza tal-Qorti tal-Appell biex b'hekk jiġu re-integrati fil-pussess ta' din il-mogħdija.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferenza wkoll għall-każ riċenti ta' Dr Joseph Zammit Tabona et vs Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja et, tal-14 ta' Diċembru 2018, fejn il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn sabet illi ġew leżi d-drittijiet

fundamentali tar-rikorrenti f'dik il-kawża għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli u għat-tgawdija tal-proprjetà bil-fatt li l-istess rikorrenti ġew mċaħħda mill-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Għalhekk, il-Qorti ssib illi fil-konfront tar-rikorrenti ġie leż ukoll id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Dwar ir-rimedju applikabbli, din il-Qorti tqis li m'ghandhiex tkun hi li tiddeċiedi dwar ir-rikors tar-rikorrenti u tagħti l-provvedimenti opportuni sabiex tiġi esegwita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell għaliex ma tistax tkun hi li tgħid lill-Qorti oħra kif għandha tiddeċiedi l-mertu tal-każ li jinsab quddiemha.

Wieħed jittama li issa li ġie deċiż l-appell tal-konvenut Angelo Cauchi mid-digriet li permezz tiegħu l-Qorti t'Għawdex ċaħdet it-talba tal-istess konvenut fis-sens li '*tastjeni minn li tkompli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors u tagħti direttivi lil dawk il-partijiet interessati sabiex jirregolaw ruħhom skont il-ligi*, mingħajr aktar dewmien, dik il-Qorti tgħaddi sabiex tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex tkun tista' tiġi eżegwita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2014.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, bħala rimedju, il-Qorti sejra għalhekk tillikwida favur ir-rikorrenti kumpens non-pekunjarju għal leżjoni li ġarrbu fl-ammont ta' €5,000 li għandu jitħallas mill-intimat Avukat Ġenerali.  Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi inserita fl-atti tal-kawża 92/2007 sabiex tagħmel parti mill-atti tal-istess kawża.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-proċeduri għall-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2014 fl-ismijiet **Nazzareno u Pauline konjuġi Xuereb vs Angelo Cauchi** (rikors ġuramentat numru 92/2007) jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tilqa’ t-tieni talba limitatament billi tiddikjara li l-imsemmija proċeduri jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta kif sanċit permezz tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Riferibbilment għat-tielet talba, tillikwida kumpens fl-ammont ta’ hamest’elef Ewro (€5,000) li għandhom jitħallsu mill-intimat Avukat Ġenerali lir-rikorrenti in linea ta’ kumpens għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif intqal.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-intimat Avukat Ġenerali.

IMHALLEF

DEP/REG